# IL-"MARA" FIL-POETA NAZZJONALI



Il-ħajja ċelibi li Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali, minn jeddu għażel li jsegwi, sikwit insibuh jirreferi għall-"mara"; dik il-figura femminili leġġendarja li kitbu dwarha l-akbar imħuħ matul medda twila ta' snin f'kull ċiviltà. Il-Griegi klassiċi kellhom lil *Elleni* (ta' Trojja), l-Eġizzjani qiemu lil *Kleopatra*, il-Lhud l-antiki, jiġifieri l-Akkadiċi, il-Kangħanin, il-Moabiti u tribujiet oħrajn taż-żmien bibliku, kitbu dwar *Salomè*, it-Taljani ħallewlna l-*La Gioconda* (magħrufa aktar bħala l-"Mona Lisa"), filwaqt li fil-ħajja kontemporanja tagħna, niltaqgħu ma' turrun ta' *allat* li jipproġettaw il-*femme fatale*, f'diversi modi; daqqa bir-rispett xieraq lil dan in-nofs tal-umanità u bosta drabi wkoll, b'modi esplojtattivi disprezzanti.

Il-Poeta ta' Malta li l-versi tiegħu waslu fl-ogħla swali tal-arti, tal-kultura u tal-intellettwalità madwar id-dinja, fl-ebda waqt ma nosservawh ibaxxi jew jipprova jisfrutta l-kwalitajiet tal-mara fis-soċjetà. Għall-kuntrarju, fil-bosta drabi fejn huwa jsemmi l-mara, dan jagħmlu dejjem b'ċerta dinjità, b'rispett profond, b'maturità psikoloġika. U meta nikkunsidraw il-pożizzjoni tiegħu ta' saċerdot, u saċerdot fi żmien storiku ekkleżjastiku ta' qabel Ġwanni XXIII, f'perjodu aktarx mentalment dejjaq li fih il-Knisja kienet tiskoraġixxi referenzi letterarji femminili minn idejn xi letterat reliġjuż bħal fil-każ ta' Dun Karm, hemm għandu aktar fiex jagħraf il-moħħ raffinat u kolt tal-Poeta.

Ta' min ifakkar hawn li, fit-trobbija tiegħu ta' tifel raħli li kiber f'Ħaż-Żebbuġ u trabba f'familja borġiża, Dun Karm it-tifel, xorob mill-kus normali Malti għal dawk iż-żminijet. Dan ifisser li, kif nafu mit-tiftix intensiv li sar dwar ħajtu privata minn diversi studjużi tal-Malti, huwa kien, bħal tfal raħlin oħrajn Maltin, jiġġerra fit-toroq tar-raħal, jilgħab ma' sħabu u l-ħbieb, kultant jinqabad f'xi ġlieda tat-tfal, u sejrin. Iżda b'daqshekk ma għandniex nifhmu li huwa kien xi tifel mitluq mill-ġenituri, sfrattat jew ta' qattagħni.

Huwa minnu li lil missieru ma tantx kien jarah, minħabba li dan kien għadda l-parti l-kbira ta' ħajtu bħala baħħar, sejjer u ġej bejn Malta u l-Greċja, għall-għajxien tiegħu u tal-familja. Iva, kien nieqes mill-attenzjoni ta' ċerta mħabba u tal-preżenza tal-missier bħala l-figura tal-*paterfamilias*, iżda l-għaqal u l-għożża ta' ommu, jidher li pattew sewwa għal dan in-nuqqas emozzjonali u psikoloġiku fil-ħajja tenera tat-tfajjel Karmenu. Jekk qatt Dun Karm fi tfulitu, ħass xi vojt fl-assenza tal-missier, kienet il-figura ta' ommu, mara ta' karattru sod u tradizzjonalment l-epitomija ta' kulma jingħad li l-mara għandha tkun. Kienet għalih mhux l-akbar wens iżda *kull wens* li qatt seta' ħass il-ħtieġa tiegħu, it-tfajjel li f'irġulitu kellu jilħaq l-ogħla qċaċet fis-sofistrija letterarja Maltija.

Matul il-ħajja letterarja ta' Dun Karm, imkien ma nsibu xi ħjiel fejn huwa pprova jostura, jinjora, jinnega

lill-mara fis-soċjetà. Għall-parti femminili tas-soċjetà Dun Karm dejjem uża kliem irżin, meqjus, ta' ġieħ. Għajr għal xi darba meta feġġet minn ġol-qieraħ ta' ruħu, xi kelma ta' rabja għal dawk it-tfajliet u nisa li jintelqu għal għajnhom, alaxerxè, ma nħossux fil-kelma soda tiegħu għajr twissija ta' korrezzjoni, ta' diżillużjoni. Iżda dan ukoll għamlu dejjem f'libsa ta' dinjità.

Isimgħu r-rabja li jesprimi lejn dawk in-nisa li jiżvijaw mill-bejta tal-ġabra. Fil-poeżija *Xenqet ir-Raba'* huwa jinfiska:

*Anqas nara ma rrid xebbiet żinżilli*
*Wiċċhom bħal karta u lewn in-nar xofftejhom*
*Mingħajr satra fl-ilbies, ixerrdu qalbhom*
*Fi mħabba fiergħa:...*

U fil-versi *Nudiżmu*, fi twiddiba ħarxa huwa jisħon:

*Daqsxejn daqsxejn bqajt sa d-dublett qassartu*
*Xi tlitt iswaba' 'l fuq minn irkupptejk,*
*U l-lbies li jgħatti u ma jgħattix, sawwartu*
*Maħrut fil-għonq u mqaċċat minn spallejk...*

u jissokta aktar 'l isfel:

*Għandek raġun, għax meta x-xebba kellha*
*Qalb ġe' sidirha u ras li taħseb biha,*
*ġisimha kienet tostru taħt l-għonnella...*

Ma jidher imkien minn dawn il-versi li huwa kellu xi kumpless psikoloġiku konfliġġenti lejn il-mara, anki fl-istat ċelibi volontarju tiegħu ta' saċerdot Kattolku. Jiġifieri, fiċ-ċanfira tiegħu, huwa ma sikirx f'xi tgħajjira esaġerata, irrazzjonali – reazzjonijiet sfrenati għandhom ħabta aktar jirrivelaw xi dgħufija mistura fil-piske ta' min qiegħed iċanfar. Lanqas ma jitfaċċaw xi tracċi ta' konflitti psikoloġiċi kkawżati minn xi trawma, bħalma seta' faċilment ġara konsegwenza tal-assenza spissa ta' missieru. Lanqas ma nsibulu xi tracċi eċċentriċi mxaqilba b'esaġerazzjoni favur il-femminilità.

Ir-rispett li bih Dun Karm ipprova jgħolli l-mara, l-aktar il-mara Maltija, jispikka ċar fil-versi reliġjużi tiegħu meta jfaħħar lill-Madonna jew lil xi qaddisa. Dawn huma allużjonijiet figurattivi u aktarx konxji fil-binja psikoloġika tal-poeta, lejn dik ommu li tant ħabbitu u ndukratu matul dawk is-snin teneri meta, fit-tfajjel kien qiegħed jitrawwem il-karattru ġentili, kolt u rżin li jisfa u jilma fil-versi għanja tal-poeta ċelebri f'età matura.

Aktar qrib l-attwalità tal-ħajja, fi stampi meħuda mill-istess ħajja kampanjola li dara fiha hu, niltaqgħu mat-tfajjel tipikament raħli Malti, minsuġ bil-qjies tal-versifikatur kolt; it-tnejn abbinati fi twaħħida sintetika f'opra waħda ta' arti mill-ogħla.

**IL-"MARA" FIL-POETA NAZZJONALI**

Mill-versi ***It-Tifla tar-raba'*** nislet:

*Jien rajtek kemm-il darba u għirt għall-qawwa*
*Ta' dirgħajk u riġlejk, ja bint ir-raba':*
*Rajtek hienja u daħkana s-sjuf u x-xtiewi*
*Tkabbar u tisbar.*
*Fix-xogħ'l tal-biedja bla ma smajt minn fommok*
*Kelma li tmaqdar din is-sengħa,...*

U mill-poeżija ***Lid-Dielja***:

*...Jew sewda bħala ħbub għajnejn ta' xebba*
*Smajra qamħija...*

Fil-versi ***In-Nissieġa*** huwa jgħanni:

*...Int biss, ja xebba, ksirt in-ngħas u kmieni*
*Ħriġt minn ġo friexek...*

u jkompli *aktar 'l isfel:*

*Ja xbejba; kemm hi sbejħa s-sengħa tiegħek,*
*Fis-skiet, fil-ġabra minn ta' dar missierek;...*

Innotaw il-kliem li jiena ssottolinjajt; is-suġġestjonijiet ħelwin ta' ħajja hienja u fl-istess ħin marbuta mal-figura ta' tfajla tar-raba' flok ma' ġuvni. Anki fl-aħħar vers innotaw it-tismija tal-missier, mhux l-omm, reminixxenti tan-nuqqas emozzjonali ta' missieru li huwa kien ġarrab fi tfulitu.

Anki fl-ittri privati tiegħu, l-aktar f'dawk li huwa niseġ b'tant għożża fina lill-ammiratriċi tiegħu Karmen Mikallef Buħaġar, huwa dejjem attent, mieles u rżin fil-qjies ta' kelmtu. Qatt ma narawh jitlaq ir-riedni tar-rażna tal-istint naturali biex għal mument wieħed biss jillaxka mill-qima li kellu lejn is-sess oppost.

Bl-istess kejl ta' awtodixxiplina li eżerċita fuqu nnifsu, matul il-medda kollha ta' kitbietu, nosservaw 'il Dun Karm jirrivela l-istat maskili tiegħu fid-diversi deskrizzjonijiet ta' għogba u ammirazzjoni għall-preżenza kontinwa femminili fil-ħajja tal-bniedem.

Huwa dan l-atteġġament matur li jgħollih bħala artist ġenwin, filli huwa jagħti lix-xbihat femminili dik id-dinjità konsistenti; l-istess dinjità li huwa ħass u żamm għal ommu, l-akbar għożża familjali f'ħajtu.

Ix-xenqa Freudjana, fejn jingħad li r-raġel jixtieq dejjem jerġa' lura lejn il-ġuf protettiv biex huwa jaħrab u jeħles mit-twegħir ta' ħajja miżgħuda bit-tribulazzjonijiet, tixref l-aktar ċar meta l-Poeta jfisser, espliċitament, ix-xewqa li jinżel sa fil-qabar fejn kienet tinsab ommu mejta. Hija sublimazzjoni klassika tal-kunċett Freudjan, imfissra f'termini l-aktar sofistikati, bil-lingwa Maltija, f'lingwaġġ u tixbih l-aktar għoljin li, jagħtu dinjità sublimi u kważi bla tarf u eternali, lid-diskors għoli tiegħu fl-ifjen irkejjen tal-estetika.

***Rodrigu Bovingdon***